MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 687/2002/1

**Dereco Stores Limited gja Derek Cold Stores Limited**

**vs**

**Easysell Caterers Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Marzu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u sebgha u disghin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm897.70), ammont bilancjali dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta;**
**Bl-ispejjez tal-prezenti, ta' l-ittra interpellatorja tal-25 ta' Jannar, 2002 u bl-imghax legali mill-31 ta' Ottubru, 2001, data ta' l-ahhar pagament maghmul mis-socjeta` konvenuta, kontra l-istess socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fis-6 ta' Mejju, 2002, li fiha ntqal:**
**Illi t-talbiet attrici huma assolutament u kompletament infondati sew fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici, stante li l-esponenti kienet hallset kull ammont dovut minnha ghas-saldu tal-pretensjonijiet attrici, kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh tal-provi u t-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk l-esponenti m'ghandha taghti xejn lis-socjeta` attrici.**

**Semgha x-xhieda ta' Angela Attard u Emmanuel Schembri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza qed issir ghall-hlas ta' tmien mja u sebgha u disghin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm897.70), ammont bilancjali dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta.**
2. **Is-socjeta` konvenuta eccepiet il-pagament. In sostenn ta' dak li qed tghid is-socjeta` konvenuta esebiet statement Dok.AA2 li juri t-transazzjonijiet li saru mill-5 ta' Mejju, 1997, sa Ottubru, 2001. Skond dan l-istatement mahrug fil-31 ta' Marzu, 2002, jirrizulta li s-socjeta` konvenuta ghamlet diversi pagamenti li jirrigwardaw l-ammonti imsemmija fl-invoices.**
3. **Emanuel Schembri ghas-socjeta` attrici qed jghid li hu kien kiteb lis-socjeta` konvenuta ittra datata 8 ta' Mejju, 2001, Dok.ES3 u ES4, li minnhom jirrizulta li kien qata' ammont ta' mija u erbghin lira u tmienja u sebghin centezmu (Lm140.78) ghall-imghax sat-30 ta' April, 2001, filwaqt li kien hemm ammont ta' wiehed u ghoxrin lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm21.83) imghax sa Mejju, 2001. Inoltre rega' kitiblu fis-17 ta' Lulju, 2001, fejn indika ammont ta' elf hames mija u tmenin lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm1580.32) dovut sat-30 ta' Gunju, 2001. Fit-8 ta' Awissu, 2001, is-socjeta` attrici regghet kitbet lis-socjeta` konvenuta u indikat il-bilanc dovut fl-ammont**

**ta' elf hames mija u hamsa u tmenin lira Maltija u tnejn u tmenin centezmu (Lm1585.82).**

4. **Mill-provi jirrizulta li kull darba li kien qed jintbaghat statement lis-socjeta` konvenuta kienu qed isiru pagamenti. Fil-fatt mill-istatment Dok.AA2 jidher li saru tmien pagamenti mill-31 ta' Jannar, 2001 sa Ottubru, 2001. Il-kwistjoni kollha tirrisolvi ruhha dwar il-fatt li l-ammont li hemm imnizzel fl-istatements tas-socjeta` konvenuta ma jaqbilx mal-istatements tas-socjeta` attrici, in kwantu ma kienux qed jigu inkluzi l-imghaxijiet dovuti fuq it-transazzjonijiet kummercjali bejn il-partijiet. It-Tribunal jirrileva li mit-8 ta' Mejju, 2001 definitivament kien indikat lis-socjeta` konvenuta li kienu qed jittiehdu in kunsiderazzjoni l-imghaxijiet. Ma jirrizultax li s-socjeta` konvenuta qatt qalet jew kitbet fis-sens li ma kienetx qed taqbel ma dawk l-ammonti, hlief meta bdiet din il-kawza. Inoltre lanqas ma jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kienet qed taghmel l-ahhar pagament ghas-saldu ta' dak li kien dovut.**

5. **Ghalhekk fic-cirkostanzi it-Tribunal qed iqies it-talba attrici gustifikata.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u sebgha u disghin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm897.70), bl-imghaxijiet legali mill-31 ta' Ottubru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-25 ta' Jannar, 2002, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------